MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-10 ta' Lulju, 2024

Appell Inferjuri Numru 9/2023 LM

**Dua Albatawi (K.I. 189214A)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], fit-12 t'April, 2023 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], fi proċeduri istitwiti mir-rikorrenti **Dua Albatawi (K.I. NRU. 189214A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata']

fil-konfront tiegħu, wara li hija ġiet infurmata mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali b'ittra datata 3 ta' Jannar, 2022, li l-Għajnuna Soċjali li hija kienet tirċievi, kienet ser titwaqqfilha għaliex hija naqset milli tikkopera mal-Ispetturi tad-Dipartiment. L-Arbitru ddeċieda illi:

> *"In oltre l-Arbitru jħoss illi l-Ispetturi f'dan il-każ ma għamlux sforzi biex jagħmlu kuntatt mal-appellanti biżżejjed biex jinkludu l-estremi li tittieħed sanzjoni kontra l-appellanti;*
>
> *L-Arbitru jħoss li dak li għamel l-Ispettur f'dan il-każ kien timidu wisq u għalhekk ma jaqbilx mad-deċiżjoni li għamel id-Direttur Ġenerali.*
>
> *Għaldaqstant l-appell qed jiġi milqugħ."*

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz ta' ittra mibgħuta lir-rikorrenti fit-3 ta' Jannar, 2022, hija ġiet infurmata li l-applikazzjoni tagħha sabiex tingħata l-Għajnuna Soċjali, ġiet mistħarrġa u/jew riveduta, u ġie deċiż li hija m'għadhiex aktar intitolata għal din l-għajnuna. Ir-rikorrenti ġiet infurmata wkoll li f'każ li hija ma taqbilx ma' din id-deċiżjoni, kellha dritt tappella. Ir-rikorrenti ġiet mgħarrfa li din id-deċiżjoni fil-konfront tagħha ttieħdet għaliex hija uriet nuqqas ta' koperazzjoni mal-Ispetturi tad-Dipartiment.

3. Fir-rikors tagħha lill-Arbitru ppreżentat fit-2 ta' Marzu, 2022, ir-rikorrenti li hija ċittadina Iraqqina, spjegat li hija omm ta' żewġt itfal, u li m'għandhiex raġel. Qalet li t-tfal tagħha jeħtieġu li jmorru l-iskola, iżda hija ma tistax tibgħathom minħabba nuqqas ta' mezzi finanzjarji. Spjegat ukoll li hija persuna ma taħdimx, u li għandha diffikultajiet anki biex titma' lil uliedha.

4. F'ittra lill-Arbitru datata 2 ta' Awwissu, 2022, id-Direttur Ġenerali intimat spjega li r-rikorrenti kienet benefiċjarja tal-Għajnuna Soċjali sal-4 ta' Frar, 2022. Spjega li din l-assistenza twaqqfitilha għaliex kien sar rapport mid-Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet, u kien hemm nuqqas ta' koperazzjoni min-naħa tal-benefiċjarja biex tipprovdi informazzjoni finanzjarja jew evidenza taċ-ċirkostanzi attwali tagħha lill-Ispetturi, liema Spetturi kienu qegħdin jaġixxu jew jikkompilaw evidenza jew informazzjoni neċessarja u utili għad-Direttur Ġenerali, li wasslu lill-istess Direttur Ġenerali jikkonkludi li ma setax jevalwa l-pożizzjoni tal-benefiċjarja biex jiddetermina jekk din għandhiex tibqa' tirċievi l-Għajnuna Soċjali, u dan *ai termini* tad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu 1 tal-artikolu 97 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwentement, l-Għajnuna Soċjali li hija kienet tirċievi kienet ser titwaqqfilha.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' April, 2023, l-Arbitru ddeċieda li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat tat-3 ta' Jannar, 2022 għandha tiġi rrevokata, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"L-Arbitru:*

*Ra d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali;*

*Ra l-appell;*

*Ra d-dokumenti esebiti;*

*Sema' l-provi miġjuba;*

*Dan il-każ jirrigwardja tentattiv ta' sejħa mid-Dipartiment lill-appellanti permezz ta' żewġ telefonati u ittra. Kienet saret żjara wkoll fl-indirizz iżda din iż-żjara ma rriżultatx li kienet miftiehma u għalhekk l-appellanti ma kinitx hemm. Mill-indirizz provdut waqt is-smigħ addirittura jidher li l-appellanti tgħix il-Ħamrun u mhux fl-indirizz fejn intbagħtet lilha l-ittra;*

*In oltre l-Arbitru jħoss illi l-Ispetturi f'dan il-każ ma għamlux sforzi biex jagħmlu kuntatt mal-appellanti biżżejjed biex jinkludu l-estremi li tittieħed sanzjoni kontra l-appellanti;*

*L-Arbitru jħoss li dak li għamel l-Ispettur f'dan il-każ kien timidu wisq u għalhekk ma jaqbilx mad-deċiżjoni li għamel id-Direttur Ġenerali;*

*Għaldaqstant l-appell qed jiġi milqugħ."*

## L-Appell

6. Fir-rikors tal-appell imressaq mid-Direttur Ġenerali intimat fis-16 ta' Mejju, 2023, dan talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-12 t'April, 2023, u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-3 ta' Jannar, 2022.

7. L-appellant spjega li l-appellata kienet tirċievi l-Għajnuna Soċjali. Qal li f'Diċembru tal-2021, l-Ispetturi tad-Dipartiment fetħu investigazzjoni dwar jekk l-appellata kienitx qiegħda tirrisjedi fl-indirizz indikat minnha, jiġifieri numru 24, Triq il-Kunċizzjoni, Marsa, u minkejja li saru żewġ spezzjonijiet fil-fond indikat, ħadd ma wieġeb. Qal li l-Ispetturi ppruvaw jikkomunikaw mal-appellata permezz ta' telefonati fuq in-numru tal-*mobile* ipprovdut, iżda d-darbtejn tela' messaġġ li jgħid li hija ma kienitx disponibbli. Qal li ntbagħtet posta rreġistrata fl-istess indirizz, iżda l-appellata xorta waħda ma marritx għall-appuntament

tagħha, u kien għalhekk li fit-3 ta' Jannar, 2022, ittieħdet id-deċiżjoni kontra tagħha.

8. L-appellant qal li huwa jħossu aggravat bid-deċiżjoni appellata, għaliex fil-fehma tiegħu sar apprezzament manifestament ħażin tal-fatti min-naħa tal-Arbitru. L-appellant qal ukoll li l-Arbitru ma kienx daqstant ċar dwar x'kien in-nuqqas li kien jimmerita li l-appell tal-appellata jiġi milqugħ. Qal ukoll li l-appellata ma kienitx ċara lanqas meta naqset li tispjega għal liema raġuni d-deċiżjoni li ttieħdet mid-Dipartiment ma kienitx korretta fil-konfront tagħha, u fl-appell tagħha din sempliċiment stqarret id-diffikultajiet personali tagħha u d-dipendenza tagħha fuq il-benefiċċji soċjali.

9. L-appellant spjega li ż-żjara mill-Ispetturi tiegħu kienet parti minn investigazzjoni mwettqa mid-Dipartiment sabiex jiġi stabbilit jekk l-appellata tirrisjedix jew le fil-fond indikat minnha. Qal li huwa ovvju li żjajjar bħal dawn isiru għal għarrieda, għaliex inkella l-iskop aħħari tal-investigazzjoni, li jiġi determinat jekk il-benefiċjarju huwiex jirrisjedi fil-fond indikat minnu jew le, jintilef kompletament. Qal li l-Ispetturi tiegħu żaru l-fond indikat mill-benefiċarja darbtejn, u fiż-żewġ okkażjonijiet ma kien hemm ħadd. Saru tentattivi ta' komunikazzjoni mal-appellata permezz tat-telefon, iżda dawn ukoll kienu għalxejn. Qal li sussegwentement id-Dipartiment bagħat posta reġistrata, filwaqt li l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu qal li mill-indirizz ipprovdut waqt is-smigħ, jidher li l-appellata tgħix il-Ħamrun u mhux fl-indirizz li fih intbagħtet l-ittra. L-appellant qal li fid-deċiżjoni tiegħu l-Arbitru donnu jimplika li dan huwa kollu riżultat ta' żball tad-Dipartiment li bagħat ittra f'post fejn ma

tirrisjedix l-appellata. Qal li l-punt tat-tluq tal-investigazzjoni kien jekk l-appellata hijiex residenti fl-indirizz ipprovdut minnha, għaliex dan kien l-indirizz indikat minnha lid-Dipartiment. Qal li għalhekk huwa ovvju li d-Dipartiment jibgħat il-posta fl-indirizz tal-Marsa. L-appellant kompla jgħid li l-indirizz li għandu jitqies mhuwiex dak li ngħata fil-mori tal-appell, iżda dak li ngħata lilu sa Diċembru 2021, u l-fatt li l-appellata setgħet bidlet l-indirizz fil-mori huwa irrilevanti. Kompla jgħid li huwa m'għandux dubju li l-appellata kienet tuża l-indirizz tal-Marsa, u ma kkoperatx mal-Ispetturi minkejja l-intimazzjoni li rċeviet. Qal li meta hija ressqet l-appell tagħha quddiem l-Arbitru fit-2 ta' Marzu, 2022, l-appellata użat l-indirizz tal-Marsa u mhux tal-Ħamrun, u dan jindika li sa dak iż-żmien hija kienet għadha qiegħda tuża l-indirizz tal-Marsa u mhux tal-Ħamrun. L-appellant qal li huwa m'għandux dubju li hija rċeviet il-posta reġistrata mibgħuta lilha, u naqset milli tikkomunika mad-Dipartiment kif xehdet. Spjega li għandu jkun evidenti li l-appellata irċeviet l-ittra u naqset milli żżomm l-appuntament jew milli b'xi mod tikkomunika mad-Dipartiment, u l-fatt li hija tfixklet jew ma fehmitx l-import tal-ittra, bl-ebda mod m'għandu jkun imputabbli lilu. Qal li n-nuqqas kien tal-appellata, u l-osservazzjonijiet tal-Arbitru li l-Ispetturi tad-Dipartiment messhom għamlu aktar jew li kienu 'timidi', huma irrilevanti għaliex dan huwa każ ċar fejn l-appellata, għal raġunijiet imputabbli lilha, baqgħet tinjora l-avviżi tad-Dipartiment. L-appellant spjega li kien għalhekk li d-Dipartiment ma kellux għażla għajr li jwaqqaf il-benefiċċji li kienet qiegħda tirċievi l-benefiċjarja, u din kienet konsegwenza naturali mistennija. Qal ukoll li t-twissija finali fl-avviż kienet ċara u inekwivoka: "*Jekk tonqos milli tattendi mingħajr avviż jista' jwassal għal sospensjoni tal-benefiċċji*

*li qiegħda tirċievi."* L-appellant qal li jekk dan il-prinċipju ma jinżammx, ser tinħoloq sitwazzjoni fejn kulħadd jista' jinjora l-avviżi li jibgħat id-Dipartiment, u dan għaliex skont ir-raġunament tal-Arbitru, min jinjora l-Avviżi ma jimmeritahx sospensjoni tal-benefiċċji. L-appellant qal li dan jista' jwassal għal sitwazzjoni perikoluża u kaotika, u huwa għalhekk li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi mħassra u revokata.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

10. L-appellata wieġbet fis-26 ta' Marzu, 2024, billi spjegat li hija mara ta' nazzjonalità Iraqqina, u twieldet f'Baghdad fit-2 ta' Diċembru, 1992. Qalet li hija ngħatat status ta' refuġjata mill-Istat Malti mill-International Protection Agency. Spjegat li hija għandha żewġt itfal minuri, li wkoll igawdu minn status ta' refuġjati, u hija kienet tibbenefika mill-Għajnuna Soċjali u mill-*Allowance* tat-Tfal. Qalet li d-Direttur Ġenerali fetaħ investigazzjoni fil-konfront tagħha dwar l-indirizz effettiv tagħha f'Diċembru tal-2021. Qalet li oriġinarjament hija ndikat l-indirizz 34, Triq il-Kunċizzjoni, il-Marsa, iżda sussegwentement bidlet dan l-indirizz għall-Ħamrun. Qalet li peress li d-Dipartiment ma setax jikkomunika magħha, ittieħdet id-deċiżjoni kontra tagħha fit-3 ta' Jannar, 2022. Qalet li meta hija ndunat li l-benefiċċji ma kinux qegħdin jingħatawlha, marret l-uffiċċju tad-Dipartiment fejn ingħatat kopja tad-deċiżjoni, u hija spjegat li kienet marret biex tibdel l-indirizz fuq il-permess ta' residenza maħruġ minn Identity Malta, iżda dan kien ser jieħu xi żmien, u kien hemm xi spejjeż involuti ukoll. Qalet li l-indirizz inbidel fid-9 ta' Marzu, 2022. Qalet li l-Arbitru ddeċieda li l-Ispetturi

m'għamlux sforzi biżżejjed biex jagħmlu kuntatt magħha, u għalhekk iddeċieda kontra d-deċiżjoni tal-appellant.

11. L-appellata qalet li fil-każ odjern m'hemmx elementi gravi li għandhom iwasslu lil din il-Qorti tiddisturba l-interpretazzjoni u d-deċiżjoni tal-Arbitru, u għalhekk qalet li d-deċiżjoni tal-Arbitru għandha tiġi kkonfermata minn din il-Qorti. L-appellata qalet li mhuwiex minnu li l-Arbitru naqas milli jindika x'kien in-nuqqas preċiż tal-appellant, li jimmerita li l-appell tagħha jiġi milqugħ. Qalet li mill-interpretazzjoni tal-fatti huwa ċar li d-Direttur Ġenerali m'għamilx dak kollu li seta' biex jinvestiga l-kwistjoni b'mod serju u raġonevoli, u għalhekk l-investigazzjoni u s-sussegwenti deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali ma kinux mistħoqqa. Qalet li m'hemmx dubju li fejn jirriżulta abbuż, dan irid jiġi miġġieled. Iżda hija qiegħda tirċievi l-għajnuna soċjali mhux minħabba l-indirizz tagħha, iżda għaliex hija tgawdi status ta' refuġjata f'Malta, u għalhekk kienet u għadha intitolata għall-għajnuna soċjali *ai termini* tal-liġi. Kompliet tgħid li huwa raġonevoli li d-Direttur Ġenerali jitlob aġġornamenti dwar l-istatus tal-appellata, però hija ma tarax ir-raġonevolezza ta' żjara għal għarrieda biex jiġi determinat jekk hijiex qiegħda tgħix fl-indirizz indikat minnha jew le.

12. L-appellata saħqet li l-element ta' raġonevolezza huwa essenzjali f'dawn il-każijiet, għaliex dan huwa l-mod kif l-Istat jirrelata maċ-ċittadini jew mar-residenti fil-ġurisdizzjoni tiegħu. Spjegat li prinċipju kardinali tal-liġi amministrattiva huwa li l-Istat għandu jkun raġonevoli f'din ir-relazzjoni. Qalet li skont l-appellant il-punt tat-tluq kien jekk l-appellata kienitx tgħix fil-fond indikat lid-Dipartiment. Qalet li hija ma taqbilx ma' din il-pożizzjoni, u l-punt tat-

tluq kellu jkun jekk hija tibbenefikax mill-għajnuna soċjali minħabba l-istatus tagħha, u jekk il-komunikazzjoni mal-awtoritajiet saritx fi żmien raġonevoli. L-appellata qalet li f'Jannar tal-2022 hija marret diversi drabi l-uffiċċju tad-Dipartiment sabiex tinfurmahom bil-bidla fl-indirizz, u bl-andament tal-proċess tat-tibdil tal-indirizz fil-permess ta' residenza. Qalet li l-bidla uffiċjali saret fid-9 ta' Marzu, 2022. L-appellata qalet li hija bdiet tirċievi l-Għajnuna Soċjali u l-*Allowance* tat-Tfal bejn is-sena 2020 u 2022, u hija dejjem ikkomunikat mad-Dipartiment, bħal per eżempju meta bdiet taħdem għal perijodu ta' xahrejn, u infurmat lid-Dipartiment b'dan. Qalet li fil-fatt hija ma kienitx intitolata għall-benefiċċju f'dak il-perijodu.

13. L-appellata qalet li hija qatt ma ċaħdet li fil-perijodu li fih kienet tirċievi l-benefiċċji soċjali, hija bidlet l-indirizz tagħha, iżda mhuwiex minnu li hija kienet notifikata biex tmur id-Dipartiment għall-appuntament fil-15 ta' Diċembru, 2021. Qalet li hija telqet mill-Marsa fit-30 ta' Novembru, 2021, u b'hekk dan ma kienx possibbli. Qalet li meta indunat li ma kienitx qiegħda titħallas, hija marret tinforma lid-Dipartiment dwar dan, u hemm infurmathom bil-bdil u bil-proċess ma' Identity Malta li dam xi ftit. Qalet li minn meta bidlet l-indirizz sakemm infurmat lid-Dipartiment, għadda xahar u ftit ġranet. Staqsiet jekk huwiex ġust u raġonevoli li hija titlef il-benefiċċji soċjali minħabba f'dan il-perijodu. Qalet li huwa għalhekk li rriżulta li t-tentattivi tad-Dipartiment kienu timidi wisq, kif ukoll ma kienux raġonevoli.

14. L-appellata qalet li dan mhuwiex każ ta' ħabi jew ta' qerq, iżda każ ta' burokrazija u investigazzjonijiet superfiċjali. Qalet li hija ma tilfitx l-istatus ta'

refuġjat, ma tilftix kuntatt mat-tfal tagħha, iżda bidlet l-indirizz mill-Marsa għall-Ħamrun, u ppruvat tikkomunika dan kollu. Qalet li d-domanda hija jekk huwiex raġonevoli li jitneħħa l-benefiċċju soċjali f'dan il-kuntest. Qalet li minħabba li hija ma kellhiex benefiċċji għal xi żmien, kellha tibdel l-indirizz tagħha mill-Ħamrun għall-Imsida, u hija regolarment infurmat lid-Dipartiment b'dan. L-appellata qalet li dan huwa każ ta' formaliżmu żejjed, ta' nuqqas ta' raġonevolezza, u nuqqas ta' konsiderazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata.

*L-Aggravju: [Apprezzament ħażin tal-provi min-naħa tal-Arbitru]*

16. L-appellant qal li l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel apprezzament żbaljat tal-provi li kellu quddiemu. L-appellant qal li l-investigazzjoni mwettqa minnu kienet tifforma parti minn spezzjoni għal raġunijiet ta' verifika dwar fejn tgħix l-appellata, u minkejja li sar tentattiv biex ikun hemm żewġ spezzjonijiet fl-indirizz mogħti mill-appellata lid-Dipartiment, id-darbtejn l-uffiċjali tad-Dipartiment ma sabu lil ħadd fil-fond. Qal ukoll li kien

hemm żewġ tentattivi biex issir komunikazzjoni telefonika mal-appellata, iżda din naqset li twieġeb it-*telephone,* u minkejja li ntbagħtet ittra reġistrata lill-appellata, hija baqgħet ma rreaġixxietx u ma kkoperatx mal-Ispetturi tad-Dipartiment. L-appellant qal li dan wasslu biex jieħu d-deċiżjoni li lill-appellata għandha titwaqqfilha l-Għajnuna Soċjali li kienet tirċievi.

17. Il-Qorti taqbel mal-evalwazzjoni li għamel l-Arbitru, li d-deċiżjoni li ħa d-Direttur Ġenerali appellant f'din l-istanza kienet waħda mgħaġġla wisq, u nieqsa mir-raġonevolezza. L-appellata hija persuna li flimkien maż-żewġ uliedha tgawdi *status* ta' refuġjata, u hija omm li tinsab f'Malta waħedha, mingħajr familjari u mingħajr raġel, u kienu dawn iċ-ċirkostanzi personali tagħha li wasslu għad-deċiżjoni li hija kienet eliġibbli għall-benefiċċji soċjali li applikat għalihom. Għal xi raġuni li ma ġietx spjegata f'dawn il-proċeduri, wara li ttieħdet id-deċiżjoni li l-appellata kienet eliġibbli għall-għajnuna soċjali li applikat għaliha, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ħass il-ħtieġa li jagħmel spezzjoni għal għarrieda fir-residenza fejn tgħix l-appellata, u għaliex din ma nstabitx id-dar u naqset li tirrispondi t-*telephone* f'żewġ okkażjonijiet, ittieħdet id-deċiżjoni li l-għajnuna soċjali li kienet tingħata titwaqqfilha. L-appellant jgħid li ladarba l-appellata injorat l-avviżi li ntbagħtu lilha, huwa ma kellu ebda għażla għajr li jwaqqfilha l-benefiċċji soċjali.

18. Il-Qorti tqis li m'hemm xejn raġonevoli fid-deċiżjoni li ħa d-Direttur Ġenerali appellant f'dawn iċ-ċirkostanzi. L-appellata spjegat li fiż-żmien li fih kienu qegħdin isiru l-ispezzjonijiet, hija kienet qiegħda tipprova tibdel ir-residenza tagħha, kif wara kollox kellha kull dritt tagħmel, u hija sfat imċaħħda

mill-għajnuna soċjali li kienet tingħata, proprju għaliex naqset milli tinforma lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali b'dan. Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali appellant li m'hemm l-ebda regola jew liġi li tgħid li persuna titlef il-jedd li tikkwalifika għall-għajnuna soċjali li tkun qed tingħatalha sempliċement għaliex tibdel l-indirizz, jew għaliex iddum ma tinforma lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali b'dan it-tibdil fl-indirizz. Li kieku kien hemm indizji oħra li jqajmu dubji dwar jekk l-appellata hijiex kap ta' familja jew għandhiex familja għal rasha, forsi kien ikollu raġun id-Direttur Ġenerali appellant jiddeċiedi li l-benefiċċji li din kienet tingħata, għandhom jitwaqqfu. Iżda l-Qorti tqis li kellu raġun l-Arbitru jiddeċiedi li l-investigazzjoni li saret mid-Dipartiment kienet waħda pjuttost insensittiva. Fil-fehma tal-Qorti, id-Dipartiment li jamministra l-għoti ta' benefiċċji soċjali, li jafu jkunu l-uniku introjtu li persuni vulnerabbli jkollhom, għandu jkun ferm aktar sensittiv għar-realtajiet ta' madwarna. Il-każ odjern huwa każ ta' mara li qiegħda f'Malta wara li ngħatat *status* ta' refuġjata, li jfisser għalhekk li sar skrutinju taċ-ċirkostanzi li wassluha titlaq mill-pajjiż tal-oriġini tagħha, u ttieħdet id-deċiżjoni li għandha tingħata protezzjoni f'Malta flimkien maż-żewġ uliedha. Iżda d-Direttur Ġenerali appellant ħass il-ħtieġa li jwaqqfilha l-uniku forma ta' introjtu li hija għandha, sempliċement għaliex meta saret spezzjoni fl-indirizz indikat minnha, hija ma nstabitx hemm. Il-Qorti tqis li l-grad u l-kwalità tal-provi meħtieġa biex jiġi deċiż li għandu jitwaqqaf il-benefiċċju soċjali ta' persuna, għandu jkun ferm ogħla minn hekk, u għalhekk il-Qorti tikkonkludi li d-deċiżjoni tal-appellant ma kinitx korretta, u għandha tiġi revokata.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħad l-appell tal-appellant, u għalhekk tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**